# Proċeduri ta' Arbitraġġ

Ċentru Dwar l-Arbitraġġ ta' Malta

## Arbitraġġ Internazzjonali

Il-Ħames Taqsima tal-Att dwar Arbitraġġ (Kapitolu 387 tal-Liġijiet ta' Malta) titratta l-mod kif jitmexxa arbitraġġ internazzjonali.

Din it-Taqsima tinkorpora fil-Ligi Maltija, il-Mudell ta' Liġi UNCITRAL fuq l-Arbitraġġ Kummerċjali Internazzjonali, li tinsab fl-Ewwel Skeda tal-Att.

Iżjed minn hekk, ir-Regoli dwar l-Arbitraġġ (L.S. 387.01) huma wkoll applikabbli għall-arbitraġġi internazzjonali.

Il-Konvenzjonijiet li jinsabu fit-Tieni u fit-Tielet Skedi tal-Att dwar l-Arbitraġġ huma wkoll importanti fil-qasam tal-arbitraġġ kummerċjali internazzjonali f'Malta. Dawn l-Iskedi jinkorporaw fihom il-Protokoll dwar Klawsoli ta' Arbitraġġ (Ġinevra 1923) – (Taqsima I tat-Tieni Skeda); il-Konvenzjoni dwar l-Esekuzzjoni tad-Deċiżjonijiet ta' Arbitraġġ ta' Tribunali Stranġieri - (Taqsima II tat-Tieni Skeda), il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Għarfien u l-Esekuzzjoni ta' Deċiżjonijiet ta' Arbitraġġ Barranin (New York 1958) - (Taqsima III tat-Tieni Skeda) u l-Konvenzjoni dwar l-Arranġament ta' tilwim dwar l-Investimenti bejn Stati u Ċittadini ta' Stati Oħrajn (Washington 1965) - (it-Tielet Skeda).